MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 530/2002/2

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**(1) Tal-Barrani Company Limited, (2) Fenech Estates Limited, (3) Michael Axisa Limited, (4) Ludwig Camilleri, dawn ta' l-ahhar bhala azzjonisti ta' Tal-Barrani Company Limited**

**Il-Qorti:**

Regghet rat ir-rikors tas-socjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. tal-25 ta' Jannar 2006 ghall-ezekuzzjoni provvizorja tad-decizjoni tal-24 ta' Ottubru 2005;

Rat ir-risposti tal-partijiet l-ohra kollha; rat l-Artikolu 266 tal-Kap. 12, u partikolarment is-subartikolu (7) tieghu;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2006 u fl-udjenza tal-lum;

Peress illi jikkonkorru r-rekwiziti msemmija fis-subartikolu (7) gia` msemmi;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara ezegwibbli provvizorjament id-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Ottubru 2005, b'dan li l-istralcjarju qed jigi inkarigat jistabilixxi d-djun tas-socjeta` Tal-Barrani Company Limited, ihallas dawn id-djun skond il-ligi mir-rikavat iddepozitat wara li jithallsu lill-fisku kwalunkwe taxxi rilevanti, hlief illi l-istalcjarju m'ghandux jghaddi ghax-xoljiment finali tas-socjeta` kkoncernata qabel ma din il-Qorti jkollha l-opportunita` illi tiddeciedi dwar l-appell intavolat fl-14 ta' Novembru 2005; u dan, s'intendi, bla pregudizzju ghal kwalsiasi proceduri ohra dwar il-validita` o meno tat-trasferiment tal-proprjeta` in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------